<u>Il-Karkur tan-Nanna</u>

Aktarx li fi **tfulitha** n-nanna Marjanna kienet imqarba bħal Betta, u jista' jkun li t-tifla ħarġet tixbah lilha. Iżda hemm ħaġa waħda li fiha dawn it-tnejn għamlu ħabta ma kienu jixtiebhu xejn: il-qawmien ta' filgħodu. Ix-xwejħa tqum dejjem kmieni, qabel il-ħamsa ta' filgħodu, waqt li t-tifla għamlet żmien tibqa' titgħażżen fis-sodda sa wara t-tmienja! **(par.1)**



Imma n-nanna dik il-ħabta kellha drawwa kerha wisq. Malli tqum hi, kont tista' tibqa' ċert li kienet ser tqajjem lill-bqija tal-familja! Kienet tmurlek dritt fil-kċina u tibda tkewwes, tfexfex u ċċekċek biex tagħmel kikkra kafe`. Imbagħad erħilha tfekren mad-dar kollha, tkaxkar karkur **ta' żmien żemżem** sa ma tqajjem lil kulħadd! **(par.2)**

Kienu lkoll iddejqu b'din id-drawwa kerha tan-nanna għax kienet qiegħda ttellifhom mill-inqas siegħa rqad kuljum. U billi Betta kienet l-iktar waħda li tħobb is-sodda kienet hi wkoll l-iktar waħda li ddejqet. Lin-nanna kienet qaltilha f'wiċċha biex ma tkomplix tagħmel dawk il-ħsejjes kollha meta kulħadd ikun għadu fl-isbaħ raqda. Iżda max-xwejħa **ma kinitx ser tieħu palju**. In-nanna żgur li ma kinitx ser tħalli lil Betta tindaħlilha, u tkaxkar kienet u tkaxkar baqgħet: Xlikk, xlakk, xlikk xlakk, xlikk xlakk...! Ħoss li jidwi mad-dar kollha fil-ħemda ta' bil-lejl. **(par.3)**



Għodwa waħda, iżda, twerżieqa kbira mill-kamra tan-nanna ħasdithom ilkoll u ħarġithom mis-sodda mwerwrin bil-biża'. "Riġlejja! Riġlejja!" bdiet twerżaq l-imsejkna nanna. "Ma nistax **inħarrikhom**! X'biċċa ġratli, jaħasra! Riġlejja bbiesu stanga! Iebsin u tqal qishom taċ-ċomb! Ċempluli għat-tabib, jaħasra! Ara x'kellu jiġrili, jaħasra, kemm jiena xortija ħażina! Fittxu ċempluli għat-tabib..." **(par.4)**

In-nannu u l-papà qabduha minn idejha u wiżnuha ftit biex terġa' timtedd fis-sodda, waqt li l-mamà ppruvat terfagħlha saqajha mill-art biex tkun tista' timtedd.  Imma dak il-ħin, b'għaġeb kbir tagħha, il-mama` ndunat li l-karkur qadim tan-nanna kien imwaħħal mal-art b'xi kolla! **(par.5)**

**(Silta adattata mill-ktieb, "Il-barumbati ta' Betta Trombetta.")**